Il-Grupp Filateliku taż-Żejtun

# The Melite Post

ISSUE NO. 14 · IL-GRUPP FILATELIKU TAŻ-ŻEJTUN · MARCH 2020

## UNIVERSAE PATRONUM

Fid-19 ta' Marzu fl-okkazjoni tal-150 sena anniversarju minn meta San Ġużepp ġie meqjus bħala l-Patrun Universali tal-Knisja, il-Kunsill Lokali taż-Żejtun inawgura b'mod mhux uffiċjali n-niċċa ta' San Ġużepp ta' Triq Marsaxlokk. Fl-istess okkazjoni s-Sodalità ta' San Ġużepp poġġiet plakka ta' tifkira ta' din is-sena importanti. In-niċċa u l-plakka ġew imbierka mill-Arċipriet Nikol Pace, fil-preżenza tas-Sindku Doris Abela u l-Kunsillier Sean Chircop, u ftit membri tas-Sodalità. Minħabba r-restrizzjonijiet t-tifkira uffiċjali kellha titħassar.






### COVID-19

Minħabba l-pandemija tal-COVID-19 mill-ewwel beda jidher effett fid-dewmien tal-ittri biex jaslu, l-aktar dawk mibgħuta minn pajjiżi l-aktar milquta bħaċ-Ċina. Paġna 3 >




### ĠUŻEPPI U Ż-ŻEJTUN

Fis-16 ta' Frar is-Sodalità ta' San Ġużepp organizzat seminar dwar il-kult ta' San Ġużepp f'Malta u ż-Żejtun. Iċ-Chairperson tal-Grupp Filateliku .... Ara paġna 6 >

### KURŻITÀ

L-akbar bolla li qatt ġiet maħluqa għandha daqs ta' 4.11 metri kwadri. Din il-bolla speċjali saret minn The Walt Disney Company Italia, f'Lucca, l-Italja, fit-30 ta' Ottubru 2019. Il-bolla saret biex tiċċelebra l-85 anniversarju mit-twelid tal-karattru tant maħbub ta' Donald Duck jew kif inhu magħruf l-Italja bħala Paperino.

**Donald Duck**

# Għal Magħmul Ma Hemmx Kunsill

MILL-EDITUR
SEAN CHIRCOP



Is-sena elfejn u għoxrin kienet ippjanata li tkun sena importanti għaż-Żejtun, hekk kif fl-aħħar tas-sena ġie mogħti t-titlu ta' Destinazzjoni Ewropea ta' Eċċellenza mill-Unjoni Ewropea (EDEN). Sena li kont qed nistenna biex anki l-Għaqda Filatelika taż-Żejtun tkun tista' tipparteċipa waqt dawn l-attivitajiet, iżda jidher li l-affarijiet se jinbidlu għal din is-sena.

Hekk kif kien se jibda Marzu kont qed inħares 'il quddiem biex tiġi inawgurata n-Niċċa ta' San Ġużepp, ta' Triq Marsaxlokk, u niġu mgħotija t-titlu ta' EDEN mill-Ministeru tat-Turiżmu, it-tnejn avvenimenti kellhom jiġu mħassra fl-aħħar mument. Barra wkoll li kellha titħassar ukoll l-attività ta' Ġieħ iż-Żejtun, mid-19 ta' Marzu, kif jgħidu għal magħmul ma hemmx kunsill. Qed insemmi dawn l-avveniment għax kien fil-pjan tal-Għaqda Filatelika taż-Żejtun li toħroġ bolla u kartolina dwar in-Niċċa ta' San Ġużepp, biex intemmu s-sett tal-bolol tan-niċeċ fis-sena li qed infakkru l-150 sena minn meta San Ġużepp ingħata t-titlu tal-Patrun tal-Knisja Universali. Kif ukoll biex infakkru s-sena li ħadna t-titlu ta' EDEN kien ukoll fil-pjan biex toħroġ bolla biex tfakkar dan l-avveniment bil-logo li ħareġ tal-apposta din is-sena. Rajt li kif qed jiżviluppaw l-affarijiet u li n-nies ma tantx għandhom moħħ affarijiet oħra, kif ukoll l-uffiċini tal-Kunsill jinsabu stretti biex ibiegħu l-affarijiet, li dawn iż-żewġ materjali filateliċi aħjar jiġu sospiżi. Fil-futur nilħqu noħorġu temi oħra.

Is-7 ta' Marzu nistgħu ngħidu li bidel kollox ta' taħt fuq, żgur qatt ma kont qed nistenna li f'dawn is-snin kollha li ilha mwaqqfa l-għaqda se jkollna nagħmlu żmien li ma niltaqgħux. Infatti dan l-editorjal kelli nerġa' nibdlu minn dak miktub oriġinali. Il-gazzetta naraw li tkompli toħroġ kull tlett xhur b'mod normali f'kemm it-tul din l-imxija.

F'din il-ħarġa se nkunu qed nagħtu ħarsa lejn il-kult ta' San Ġużepp, hekk kif il-Maltapost stess, għadha kemm ħarġet sett iddedikat lill-istess qaddis. Bla trid kellna ninkludu wkoll artiklu kif il-posta qed tiġi affettwata f'dawn iż-żminijiet straordinarji, għax żgur se jibqgħu mnaqqxa fl-istorja tad-dinja.

Saħħa u sliem lil kulħadd. Nispera li ma ndumx ma narakom u l-laqgħat jerġgħu jkomplu b'mod normali.

**#BeSafe #StayHome**

# COVID-19 u l-Posta

Minħabba l-pandemija tal-COVID-19 mill-ewwel beda jidher effett fid-dewmien tal-ittri biex jaslu, l-aktar dawk mibgħuta minn pajjiżi l-aktar milquta bħaċ-Ċina. Infatti fit-18 ta' Frar ħareġ avviż li s-servizz postali lejn iċ-Ċina kien ġie sospiż għal kollox, iżda l-posta miċ-Ċina baqgħat tasal iżda b'dewmien. La hemm diversi ajruporti li waqfu l-operat tagħhom madwar id-dinja żgur li se jkompli jħalli effett biex il-posta tkun tista' tasal fil-ħin għad-destinazzjoni tagħha, fil-fatt il-posta ta' Malta kellha ssib rotot alternattivi kif se tasal f'dawn il-pajjiżi; fosthom l-Italja, il-Ġermanja, Franza, Spanja u l-Iżvizzera.

Kien hawn il-biżgħa wkoll li ittra tista' ġġorr magħha dan il-virus il-ġdid. Hawnhekk se nagħtu ħarsa lejn l-avviżi li ħarġet il-Maltapost minn meta feġġ l-ewwel każ tal-coronavirus f'pajjiżna, mis-Sibt, 7 ta' Marzu, 2020.

Fis-16 ta' Marzu ħarġet stqarrija għall-istampa li tgħid li l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa (WHO) tinforma li ċ-ċans li persuna infettata tikkontamina pakkett jew ittra hu baxx u r-riskju li tieħu li l-virus li jikkawża l-COVID-19 huwa wkoll baxx. Iżda hawn ukoll il-biżgħa li l-pustier meta jwassal ittra reġistrata jista' jiltaqa' ma' xi ħadd mard jew li qiegħed fi kwarantina, b'hekk intalab li min jinqeda minn kull servizz postali għandu jżomm distanza mill-anqas ta' metru mill-ħaddiem postali. Għal dan il-għan il-posta waqfet milli tieħu l-firma tal-klijent fl-ittri li jeħtieġu firma, iżda minflok bdiet titlob id-dettalji tal-isem u n-numru tal-karta tal-identità tal-persuna minn dik ir-residenza partikolari li qed taċċetta l-ittra jew il-pakkett.

Jidher li s-suġġett tal-COVID-19 żgur se tkun tema li din is-sena se tħalli effett fuq il-posta u se narawha fil-bolol ta' diversi pajjiżi. L-ewwel żewġ pajjiżi li ħarġu bolla dwar il-Coronavirus kienu l-Iran u l-Vjetnam. L-Iran joħroġ l-ewwel bolla li titratta l-Coronavirus fid-dinja fis-17 ta' Marzu bit-tema tal-*frontliners*.






# *Minn Bolol għall-Wirja għall-Ktieb*

Fid-19 ta' Jannar li għadda Wirt iż-Żejtun ħarġu l-ewwel ħarġa dwar it-teżori Żwieten, fejn f'din il-ħarġa ngħatat importanza lin-niċeċ u l-istatwi li nsibu fi triqat iż-Żejtun. B'kollox insibu madwar 100 xbieha antika li jkomplu jiftħulna tieqa fuq il-fidi ta' missirjietna li minn dejjem xtaqu jesponu t-twemmin tagħhom fil-pubbliku. Matul dawn l-aħħar snin wettaqt riċerka dwar din l-arti li nsibu fi triqatna, u bis-saħħa wkoll tar-ritratti, illum tistgħu takkwistaw dan il-ktieb u tieħdu togħma ta' dak li joffrulna dawn in-niċeċ. Fil-ktieb hemm dettall dwar 92 niċċa antika li nsibu mferxin fl-irħula medjevali tar-Raħal t'Isfel u ta' Fuq, fiċ-ċentru taż-Żejtun u fl-inħawi rurali, dawk kollha li għandhom importanza storika u kulturali. It-tnedija tal-ktieb saret fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat fi Triq San Girgor, iż-Żejtun, fejn l-istess għaqda tellgħat il-wirja diversi drabi u sentejn ilu tellgħajna l-wirja tan-niċeċ.



Fir-ritratt jidhru l-kittieb Sean Chircop, il-President ta' Wirt iż-Żejtun il-Perit Ruben Abela, il-Ministru għall-Edukazzjoni Dr. Owen Bonnici, u s-Sindku Doris Abela.

## ABBONA

Din il-ħarġa se toħroġ erba' (4) darbiet fis-sena. Il-ħarġa li jmiss se toħroġ lejn l-aħħar ta' **Ġunju 2020**. Din il-ħarġa hi b'xejn għall-membri kollha tal-għaqda, iżda dawk li mhux membri jridu jħallsu €0.50ċ. Biex tabbona jew tibgħat ittra lill-għaqda ibgħat fuq l-indirizz jew l-email t'hawnhekk.

Publikatur: **Il-Grupp Filateliku taż-Żejtun**

Indirizz: **Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun,**

**28, Dar iż-Żwieten, Triq Sant' Anġlu, iż-Żejtun**

Kuntatt: Telefon: **2166 3866**

Mobile: **9920 3815**

E-mail: **chircop.sean@gmail.com**

Disinn: **Glen Chircop**

# *Niltaqgħu ma'...*
# *Dun Gino Gauci*



Il-Professur Rev. John Baptist Gauci, jekk kif aħjar magħruf bħala Dun Ġino, twieled fid-9 ta' Ġunju tal-1951 minn Nazzareno Gauci u Nina Ferriggi. Hu ġej mill-familja Ta' Disma, isem nannuh, missier Nazzarenu li kien statwarju u li l-istatwetti tiegħu għadhom popolari fost id-dilettanti tal-Ġimgħa l-Kbira. Dun Ġino ġie ordnat saċerdot fid-19 ta' Ġunju 1977. Huwa studja l-arti sagra fl-Italja u gradwat ukoll bħala Professur tal-Arti Sagra mill-Università ta' Malta. Barra minn hekk ilu għal aktar minn 30 sena jieħu ħsieb il-ħtiġijiet spiritwali tal-komunità Taljana f'Malta bħala kappillan nazzjonali tal-istess komunità, fejn hu wkoll ir-rettur tal-Knisja ta' Santa Katerina tal-Italja, fil-Belt Valletta. Dun Ġino serva wkoll bħala membru tal-Kummissjoni Arti Sagra u huwa Lettur fid-Dipartiment tal-Arti u l-Istorja tal-Arti fi ħdan il-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta.

Dun Ġino, barra li jwettaq bl-akbar għożża l-ħtiġijiet spiritwali tal-komunità, huwa wkoll artist u restawratur fejn wettaq diversi xogħlijiet fl-arti u d-disinn. Fost ix-xogħlijiet li wettaq fil-Parroċċa ta' Santa Katarina taż-Żejtun insemmu d-disinn tat-Tabernaklu minn ġewwa, id-disinn tas-salib fiċ-Ċentru ta' Ġebel San Martin, il-pittura ta' San Ġorġ Preca u d-disinn u l-arredament tal-Mużew tal-Istorja u l-Arti, fejn kien il-protagonist ewlieni sabiex dan il-proġett jitlesta u wara l-mewt ħesrem tal-mibki Arċipriet Dun Eric Overand, kompla fil-ħidma ta' dan il-mużew waħdu. Fil-parroċċa tagħna ħa ħsieb ukoll id-disinn tal-Arka tal-Patt li tinġarr tul il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Ħa ħsieb ukoll id-disinn tal-bibien tal-ġenb tal-Knisja Parrokkjali. Iddisinja wkoll numru ta' bizzilla li tintrema fil-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun. Meta niġu għar-restawr wettaq restawr fuq diversi vari li jintramaw fit-toroq taż-Żejtun għall-festa, fosthom San Porfirju, irrestawra wkoll il-kwadru titulari ta' Santa Katerina u l-kwadru titulari tal-Knisja tas-Salvatur fiż-Żejtun, li bħalissa qed isir restawr fuqha. Hu għamel ukoll diversi donazzjonijiet lill-Parroċċa fejn irregala il-kalċi li nsibu mal-vara tal-Ort tal-Ġimgħa l-Kbira, kif ukoll ma' ommu ħallas għar-restawr tal-bradella tal-vara titulari ta' Santa Katerina. Ta' min insemmu wkoll li ilu sa mit-twaqqif tal-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira mill-1986 bħala segretarju tal-istess kumitat.

Fuq livell nazzjonali wettaq ukoll diversi disinji fosthom id-disinn tal-kappella tal-Isptar Mater Dei, u l-lapida tal-Arċisqof Ġużeppi Mercieca. Dun Ġino għandu diversi xogħlijiet li jekk inkomplu nsemmgħu ma nieqfu qatt, għax kif qaluli sħabu stess tal-Parroċċa li dak li tagħtih għal idejh jafu jagħmlu, u dan jagħmlu mingħajr daqq ta' trombi. Hu ta' spiss wkoll ikun mistieden biex jagħmel taħditiet dwar xogħlijiet artistiċi madwar Malta u Għawdex.

# Ġużeppi u ż-Żejtun

MINN

SEAN CHIRCOP




Fis-16 ta' Frar is-Sodalità ta' San Ġużepp organizzat seminar dwar il-kult ta' San Ġużepp f'Malta u ż-Żejtun. Iċ-Chairperson tal-Grupp Filateliku taż-Żejtun kien wieħed mill-kelliema mistiedna għal dan is seminar li sar l Oratorju tas Sagrament Imqaddes. Fl-istess seminar tkellmu Dun Ġino Gauci u s-Sur Andrew Borġ. Hawn taħt qed tiġi ppubblikata l-informazzjoni mgħoddija waqt dan is-seminar minn Sean Chircop.

Hekk kif qed jitfakkar dan l-anniversarju speċjali, b'kollox fiż-Żejtun insibu 7 niċeċ antiki ta' San Ġużepp, it-tielet l-akbar ammont ta' niċeċ wara dawk iddedikati lill-Madonna tal-Karmnu b'12-il niċċa u dawk ta' Santa Katerina b'9 niċeċ. Ta' San Ġużepp insibu l-istess ammont daqs tal-Madonna tar-Rużarju.

In-niċeċ ta' San Ġużepp jinsabu mferxin madwar iż-Żejtun kollu, bi tnejn fil-parti ta' fuq ta' Triq il-Madonna tal-Ħniena f'Bir id-Deheb, waħda fi Triq Santa Marija, fl-inħawi tal-Ħerba, waħda fi Triq Sant' Antnin, ir-Raħal ta' Isfel, l-aktar waħda ġdida minnhom fi Triq San Porfirju, fl-inħawi ta' Wara l-Knisja, waħda fl-inħawi rurali ta' Misraħ Strejnu, eżattament quddiem il-kappella ta' San Niklaw, u l-akbar waħda minnhom dik ta' Triq Marsaxlokk, li jista' jkun minn dejjem kienet l-aktar waħda popolari minnhom. Ta' min insemmgħu li jidher li kien hemm żewġ niċeċ oħra ta' San Ġużepp fi Triq Santa Marija, li waħda minnhom għadha tidher il-bażi tagħha. Dan juri l-maġġoranza tan-niċeċ ta' San Ġużepp jinsabu fir-Raħal ta' Fuq, li juri li n-nies ta' dawn l-inħawi kellhom aktar devozjoni lejn il-missier putattiv ta' Ġesù mir-Raħal ta' Isfel, filwaqt li fir-Raħal ta' Isfel, insibu aktar niċeċ tal-Kurċifiss, li kienu marbutin mal-Fratellanza tal-Agunija.



Jidher li d-devozzjoni lejn San Ġużepp fiż-Żejtun kompliet tikber fuq l-inizjattiva ta' Dun Spir Grixti, il-fundatur tad-Domus. Fejn l-istess Dun Spir Grixti ħa ħsieb li jġib statwa ta' San Ġużepp, li nħadmet mill-kumpanija Ghezzi ta' Milan. Din l-istatwa ġiet imħallsa minn diversi mastrudaxxi Żwieten, li kienu jqisu lil San Ġużepp bħala l-patrun tagħhom, hekk kif San Ġużepp hu l-patrun tal-mastrudaxxi.

L-istatwa ġiet inawgurata fiż-Żejtun fl-1908. Iżda qabel din il-vara diġa' kien hemm oħra, li kienet ta' xogħol Spanjol. Dun Spir Grixti, li kien il-prokuratur tal-artal ta' San Ġużepp fil-Knisja Parrokkjali, xtaq isaħħaħ u jkabbar id-devozzjoni lejn dan il-qaddis, skont kif kiteb il-Kanonku Dun Joe Abela, sa każin iddedikat lil San Ġużepp xtaq jiftaħ fi Triq San Luċjan. Mal-Arċipriet ta' dak iż-żmien, Dun Lawrenz Degabriele, din ma niżlitx tajjeb għax beża' li tista' tqum xi pika, u mar ikellem dwar dan lill-Isqof Pietru Pace u b'hekk ma seħħ xejn. Iżda min-niċeċ li fadal jeżistu llum ma hemm l-ebda waħda li jidher li twaqfet f'dawn iż-żminijiet, dik li hemm f'kantuniera ma' Triq Lorenzo Gafà ħadet l-indulġenzi ħafna snin wara, 5 snin biss qabel ma' Dun Spir Grixti ħalla din id-dinja. Ta' min ngħidu wkoll li fil-bidu tas-seklu 20 meta kienu qed jinbnew it-toroq ta' Wara l-Knisja, Dun Spir, mar joqgħod f'dawn l-inħawi u fuq l-insistenza tiegħu t-triq li kien joqgħod fiha ssemmiet għal San Ġużepp kif għadha hekk sal-lum, Triq San Ġużepp. L-istess Dun Spir Grixti jidher li qatt ma waqqaf niċċa ta' San Ġużepp fil-pubbliku, iżda kien il-moħħ biex issir in-niċċa ta' San Spiridjun fir-Ramla ta' San Tumas, il-qaddis li jġib ismu.

Id-devozzjoni lejn San Ġużepp jidher li bdiet ħafna snin qabel, hekk kif il-pittur Ġan Nikol Buhagiar diġa' kien jidher li pitter il-kwadru titulari tal-altar għal ħabta ta' nofs is- seklu 18, qabel inbnew in-navi tal-Knisja Parrokkjali u mbagħad fl-1793 twaqfet is-Sodalità ta' San Ġużepp, u ftit snin wara jidher li diġà kienet teżisti l-vara ta' San Ġużepp l-antika. Interessanti li l-vara l-antika ta' San Ġużepp, il-Missier Protettiv kellhu li Ġesù Tarbija fi ħdanu. Infatti hemm storja interessanti, li hekk kif Ġesù Tarbija kien jinqala' kien hemm drawa li l-ommijiet Żwieten ilibbsu lil Ġesù Tarbija bl-ilbies tat-trabi tagħhom. Dan qed insemmih peress li fin-niċeċ li nsibu fiż-Żejtun li saru qabel l-istatwa l-ġdida ta' Milan, ħlief għal waħda, f'kollha jinsab San Ġużepp qed iħaddan lil Ġesù f'idejh. Filwaqt li f'dik li saret fil-bidu tas-seklu 20, meta kienet inġibed il-vara l-ġdida, Ġesù jidher diġà mfarfar u jinsab wieqaf ħdejn Ġużeppi, kif jidher fl-istess vara tal-Parroċċa.

Għalkemm is-Sodalita ta' San Guzepp twaqqfet fl-1793, fi żmien l-Isqof Labini, ma sarux niċeċ ta' San Ġużepp f'dan il-perjodu, għalkemm nafu li diġà kellna niċeċ fiż-Żejtun bl-eqdem waħda bl-indulġenzi tmur lura għall-1770 ta' San Franġisk Saverju ta' Triq Marsaxlokk, li ngħatat l-indulġenzi mill-Isqof Giovanni Carmine Pellerano. Interessanti li għal fuq l-artal ta' San Ġużepp fis-seklu 18 kien hemm ukoll pittura ta' San Franġisk Saverju mpittra mill-artist Żejtuni Mikiel Busuttil.

Ngħaddu għan-niċeċ waħda waħda. Interessanti li l-Papa Piju IX iddikjara lil San Ġużepp bħala l-Patrun tal-Knisja Universali fl-1870, fejn b'din id-dikrazzjoni ġew iddikjarati żewġ festi lil San Ġużepp, fid-19 ta' Marzu u fil-ġurnata tal-Erbgħa tat-tieni ġimgħa wara l-għid il-kbir. B'hekk jidher li f'dan iż-żmien San Ġużepp ingħata spinta fil-popolarità u d-devozzjoni lejh u n-niċeċ taż-Żejtun iddedikati lilu bdew jinbnew f'dan iż-żmien eżatt biex imbagħad snin wara ngħataw l-indulġenzi, kif se naraw.



L-eqdem niċċa ta' San Ġużepp hi dik ta' Triq Santa Marija bl-indulġenza tagħha tmur lura għall-1876 bl-indulġenzi mogħtija mill-Isqof Carmelo Xicluna. l-Isqof li jibqa' jissemma' li ordna biex il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira jibdew joħorġu f'nhara minflok f'Ħamis ix-Xirka. L-indulġenza li tinsab fuq plakka elaborata taħt in-niċċa u miktuba bit-Taljan taqra li "Mons. Arċisqof Isqof Carmelo Scicluna jagħti 40 jum ta' indulġenzi lil min jgħid Pater u Ave quddiem din ix-xbieha ta' San Ġużepp b'digriet tat-13 ta' Ottubru, 1876".

Din ix-xbieha hi għolja ftit aktar minn żewġ filati, u għandha xogħol ta' arti ta' kapulavur, l-aktar fil- ġmiegħ tal-ilbies li jagħti dehra aktar mimlija. Qed naraw dehra movimentata ta' Ġesù u San Ġużepp jidhru qishom mixjin lejn il-post tax-xogħol ta' Ġużeppi, infatti Ġesù qed iżomm biċċa għodda f'idu l-leminija. Ġużeppi nsibuh miexi bil-bastun, biex l-artist jagħtina dehra li jinsab fl-anzjanita tiegħu, kif jingħad li diġa' kien kbir fl-eta' meta twieled Ġesu'. Bl-id 'l oħra qed iżomm id Ġesù biex jurik li dejjem baqa' protettiv lejn l-iben divin sa kemm ħalla din id-dinja. Ġesù u Ġużeppi jinsabu jħarsu lejn xulxin biex juri r-relazzjoni tajba li kien hemm bejniethom. Interessanti li f'din in-niċċa San Ġużepp m'għandux dijadema.

Ma' din id-dar prominenti u eleganti nsibu niċċa oħra tal-istess qies, fuq in-naħa 'l oħra tal-faċċata, li hi ħaġa rari fiż-Żejtun. Dan hekk kif dar oħra biss fiż-Żejtun insibu li għandha żewġ niċeċ, dik li tinsab fi Triq Sant' Emidju. In-niċċa 'l oħra hi ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu u ngħatat l-indulġenzi fl-istess ġurnata. Interessanti, informazzjoni li sirt nafha dan l-aħħar, jingħad li meta l-vara l-ġdida ta' San Ġużepp inġibed iż-Żejtun poġġewha fir-remissa li tiġi wara l-Palazz Aedis Danielis, li tinsab eżatt quddiem din in-niċċa.



It-tieni l-eqdem niċċa ta' San Ġużepp skont l-indulġenzi hi dik li nsibu bejn Ħal Ġinwi u Misraħ Strejnu, eżattament fil-kantuniera ta' quddiem il-Kappella ta' San Niklaw. L-indulġenza tagħha li hi miktuba bit-Taljan ingħatat fl-1882, fi żmien l-Isqof Carmelo Scicluna wkoll iżda din in-niċċa ngħatat l-indulġenzi mill-Isqof Pietru Pace, li dak iż-żmien kien l-Isqof ta' Għawdex. L-indulġenza taqra hekk "L-Eċċellenza Tiegħu Rev. Mons. Pietru Pace b'digriet tat-8 ta' Marzu, 1882 jagħti 40 jum indulġenzi lil min jgħid b'devozzjoni Pater Ave Glorja quddiem din ix-xbieha ta' San Ġużepp". Lil San Ġużepp f'idu x-xellugija narawh qed iżomm lil Ġesù Tarbija u f'idu l-leminija qed iżomm fjura tal-ġilju maħduma fil-metall. Li l-ġilju nsibuh f'niċeċ kollha ta' San Ġużepp, minbarra dik li diġa' semmejt, peress li l- ġilju hu simbolu ta' purita' u b'hekk qed jirrappreżenta l-qdusija ta' Ġużeppi u ċ-ċelebat tiegħu fiż-żwieġ mal-Verġni Marija. Lil Ġesù hawnhekk narawh qed iżomm globu f'idu l-leminija bħala simbolu li hu s-Salvatur ta' din id-dinja.



L-aktar niċċa li bħalissa qed tissemma' peress li sar restawr fuqha mid-Direttorat tar-Restawr hi dik li nsibu fi Triq Marsaxlokk. Hi niċċa mill-isbaħ u t-tieni l-akbar niċċa fiż-Żejtun wara dik ta' Kristu Kurċifiss ta' Triq Taltas. Din in-niċċa ngħatat l-indulġenzi fl-1887, fl-aħħar snin tal-Isqof Carmelo Scicluna, iżda ngħatat l-indulġenza mill-Amministratur Appostoliku ta' Malta, Fra Antonio Maria Buhagiar, peress li l-Isqof Scicluna kien marid. L-indulġenza taqra li "L-Eċċellenza Tiegħu Rev. Mons. Fra Antonio M. Buhagiar b'digriet tas-16 ta' Novembru 1887 jagħti 40 jum ta indulġenza li min jgħid b'devozzjoni Pater Ave Marija quddiem din ix-xbieha". Ix-xbieha ta' San Ġużepp, li nsibu f'din in-niċċa hi ta' arti folkloristika. L-istatwa u n-niċċa minn dejjem jidher li kienu miżbugħa b'kuluri tradizzjonali. Fin-niċeċ ta' San Ġużepp li nsibu fiż-Żejtun jidher li l-kulur aħdar dejjem jiddomina, kif ukoll il-kannella. interessanti li hawn taħt din in-niċċa kien hemm għajn tal-ilma b'hekk kienet iżjed bħala *landmark* u l-istess binja serviet bħala forn. F'għeluq il-100 sena minn dawn l-indulġenzi fi żmien l-Arċipriet Dun Ġużepp Theuma kienet saret quddiesa wkoll quddiemha.





L-unika niċċa ta' San Ġużepp li nsibu fir-Raħal ta' Isfel hi dik li nsibu fil-bidu ta' Bisqallin, fi Triq Sant' Antnin, fejn ingħatat l-indulġenzi fl-1890 mill-Isqof Pietru Pace, li kien għadu kemm laħaq Isqof ta' Malta. L-indulġenza bit-Taljan taqra li "l-Eċċellenza Tiegħu Rev. Mons. Pietru Pace jagħti 40 jum ta' indulġenzi lil min jgħid Pater, Ave u Glorja quddiem din ix-xbieha tal-Patrijarka San Ġużepp b'digriet tas-26 ta' Marzu, 1890". B'hekk hi t-tieni niċċa li ngħatat l- indulġenza qrib id-19 ta' Marzu, il-festa ta' San Ġużepp. Hawnhekk naraw xbieha ta' arti folkloristika, fejn il-kuluri kannella u aħdar jerġgħu jiddominaw. Interessanti li hawnhekk Ġużeppi jissemma' bħala patrijarka, biex jidher hu bħala l-kap tal-familja ta' Nazareth u bħala persuna importanti fil-Bibbja.

L-Isqof Pietru Pace fl-1897 ta wkoll l-indulġenzi lix-xbieha ta' San Ġużepp li nsibu fi Triq il-Madonna tal-Ħniena f'kantuniera ma' Triq Melchiorre Gafà. L-indulġenza taqra li l-Eċċellenza Tiegħu Rev. Mons. Pietru Pace b'digriet tat-12 ta' Novembru 1897 jagħti 40 jum ta' indulġenzi lil min b'devozzjoni jgħid Pater, Ave u Glorja quddiem din l-istatwa ta' San Ġużepp". Hawnhekk insibu niċċa żżejjen kantuniera li din l-użanza f'Malta daħlet fi żmien il-Kavallieri bil-bini tal-Belt Valletta. Din in-niċċa tidher li ġiet salvati kompletament minn binja qadima li kien hemm qabilha. Għalkemm il-patina tal-ġebla tidher kompletament differenti hu metodu tajjeb li jekk il-bini ma jistax jiġi salvati tal-anqas issalva n-niċċa kompluta u mhux terġa' tibni n- niċċa mill-bidu kif saru f'postijiet oħra fiż-Żejtun stess għax titlifiha l-valur storiku tagħha.

Ftit 'l isfel minn din in-niċċa fi Triq il-Madonna tal-Ħniena stess, iżda f'kantuniera ma' Triq Lorenzo Gafà nsibu statwa ta' San Ġużepp impoġġija fuq ħarrieġa li din tmur lura għall-1932. Hawnhekk l-indulġenza ma nsibuhiex mnaqxa fil-ġebla fuq skroll, kif rajna fin-niċeċ 'l oħra ta' San Ġużepp, iżda mnaqxa ma' rħama sempliċi mal-ġenb tal-faċċata ta' din id-dar. L-indulġenza hi miktuba wkoll bil-Malti l-antik minflok bit-Taljan, fosthom tara kemm il-Malti kien għaddu italjanizzat u minflok l-ittra Q insibu l-K, bħal 'L-ISKOF' u 'KUDDIEM'. Kif qed naraw l-indulġenzi man-niċeċ qed jirriflettu wkoll il-ħajja kulturali u soċjali ta' dak iż-żmien partikolari, ikomplu jixħtu dawl fuq l-istorja ta' Malta u l-Maltin fil-qalba soċjali u tal-istili u l-modi ta' dak iż-żmien.



Infatti l-indulġenza taqra li, "B'digriet tal-5 ta' Ottubru, 1932 l-Isqof Dom Mawro Caruana O.S.B. jagħti 100 jum indulġenzi lil min jgħid Pater, Ave u Glorja quddiem din l-istatwa". Din l-aktar niċċa li għandha jiem ta' indulġenza, hekk kif l-oħrajn kollha għandhom 40 jum din għandha 100 jum. Peress li hawn kienet inġibet il-vara l-ġdida ta' San Ġużepp, lil San Ġużepp insibuh b'Ġesù mfarfar wieqaf maġenbu, minflok bħan-niċeċ ta' qabel li kien fi ħdanu. Din il-bidla tan-niċeċ narawha tinbidel mal-intervent tal-vara li tkun qed issir fil-vara tal-Parroċċa b'mod faċli, l-iżjed f'dawk ta' Santa Katerina li għandha niċeċ jirriflettu t-tlett interventi kbar li saru fuq il-vara titulari. Il-poplu, kif għaddu sal-lum, kien iqabbad l-artist biex jagħmilu statwa bħal vara tal-Parroċċa eżatt, kif naraw ukoll fin-niċeċ tal-Madonna tar-Ružarju u anki fin-niċċa ta' Santa Fawstina, li hi kopja tal-vara tagħha li tintrama fuq iz-zuntier fil-festa.



L-unika niċċa ta' San Ġużepp li nsibu bla indulġenzi hi dik ta' Triq San Porfirju, li bla dubju hi l-aktar niċċa moderna minn dawn is-7 li tkellimna fuqhom. Mid-dehra tagħha tidher li saret lejn it-tmiem tas-snin 1960 u l-bidu tas-snin 1970. Li jispikka f'din ix-xbieha ta' arti popolari huma l-kuluri assoċjati ma' San Ġużepp għal darb' oħra l-kannella u l-aħdar. Hawnhekk nerġgħu nsibu lil San Ġużepp qed iħaddan lil Ġesù Tarbija, iżda Ġużeppi għal darb' oħra qed iżomm ukoll il-fjura tal-ġilju. Din in-niċċa ma ħaditx indulġenzi peress li fil-Konċilju Vatikan it-Tieni, li sar bejn l-1962 u l-1965, ħarġet direttiva li ma jingħatawx aktar indulġenzi lil dawn ix-xbihat. Fiż-Żejtun fil-fatt insibu xbieha li ngħata l-indulġenzi mill-Arċisqof Mikiel Gonzi eżatt qabel daħlet din id-direttiva, qed nirrefferi għax-xbieha tal-Madonna tar-Ružarju li nsibu fil-parti t'isfel ta' Triq Santa Katerina li ngħatat l-indulġenzi fit-22 ta' Jannar, 1965.



# *Bolol Maħruġa 2020*




Fl-14 ta' Frar il-MaltaPost ħarġet it-tieni sett ta' bolol mis-serje dwar djar residenzjali antiki. Din il-ħarġa filatelika tikkonsisti f'erba' bolol, tnejn minnhom juru l-faċċata ta' wara u quddiem ta' Villa Francia, f'Ħal Lija, waħda turi faċċata ta' dar medjevali antika li tinsab fl-Imdina, u l-oħra turi l-faċċata ta' Villa Gourgion li tinsab f'Ħal Lija wkoll. Ir-ritratti huma meħudha minn Angela Spiteri.







Fit-18 ta' Marzu l-MaltaPost ħarġet ir-raba' sett ta' bolol li juru l-vari fil-knejjes Maltin. Għas-sena li qed tfakkar il-150 sena anniversarju minn meta l-Papa Piju IX ipproklama lil San Ġużepp bħala l-Patrun tal-Knisja Universali ħadet ħsieb li toħroġ sett ta' għoxrin bolla li juru l-vari ta' San Ġużepp fil-knejjes Maltin. Dawn il-bolol juru l-ħames vari titulari ta' San Ġużepp li jinsabu fil-Parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiema f'Birkirkara, fil-Parroċċa tal-Kalakara, fil-Parroċċa tal-Manikata, il-Parroċċa tal-Imsida, u l-Parroċċa tal-Qala Għawdex. Filwaqt li juru wkoll lil San Ġużepp li nsibu fil -Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù tar-Rabat, fejn hemm hi l-festa prinċipali, u tal-Bażilika tax-Xagħra Għawdex, fejn San Ġużepp hu ko-patrun ma' Marija Bambina. Jidhru wkoll l-vari ta' San Ġużepp tal-frattelanzi tal-istess qaddis li nsibu fil-Knisja Kolleġġjata tal-Birgu, fil-Bażilika ta' Sant' Elena f'Birkirkara, fil-Knisja Kolleġġjata ta' Bormla, fil-Parroċċa ta' Għajnsielem, li hi festa sekondarja, fil-Parroċċa ta' Ħal Għaxaq, li hi festa sekondarja wkoll, fil-Parroċċa ta' San Gejtanu tal-Ħamrun, fil-Parroċċa ta' Ħal Kirkop, li hi festa sekondarja, fil-Bażilika tal-Mosta, fil-Knisja Kolleġġjata ta' Ġorġ ta' Ħal Qormi, fil-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta, fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ, li hi festa sekondarja, fil-Parroċċa taż-Żejtun, u fil-Parroċċa taż-Żurrieq. Ir-ritratti miġbuda minn Mark Micallef Perconte.



Triq Marsaxlokk fiż-Żejtun fl-imgħoddi.






L-istatwa ta' San Ġużepp li tinsab fil-Mużew Parrokkjali taż-Żejtun.